# Primary HealthCare

# Rapport Annwali

# 2019

# INDIĊI

PAĠNA

INTRODUZZJONI ....3

IL-PROGRAMM TAL-GVERN ....4

PROĠETTI LI SARU MATUL 2019 ....5

PROĠETTI TAL-INFORMATIKA U T-TELEKOMMUNIKAZZJONI (ICT) -2019....8

SERVIZZI ĠODDA U ESTENSJONIJIET TA' DIVERSI KLINIĊI – 2019....9

RIŻORSI UMANI....15

SEZZJONI TAL-ACCOUNTS U PROCUREMENT ....16

SERVIZZI KLINIĊI PPROVDUTI FID-DIPARTIMENT TAL-PRIMARY HEALTHCARE ....18

NATIONAL HEALTH SCREENING UNIT ....22

IS-SERVIZZI TAL-ISPIŻERIJA FIL-KOMUNITA` ....23

SPEECH AND LANGUAGE PATHOLOGY ....24

KURA TAS-SAĦĦA TAT-TFAL U SERVIZZ NAZZJONALI TAT-TILQIM ....24

KLINIĊI SPEĊJALIZZATI OĦRA ....24

IĊ-ĊENTRU TAS-SAĦĦA F'GĦAWDEX ....25

PROGRAMM TA' TAĦRIĠ SPEĊĊJALIZZAT FIL- MEDIĊINA TAL-FAMILJA....26

CUSTOMER CARE....26

PRACTICE DEVELOPMENT UNIT ....27

MIGRANT HEALTH LIAISON OFFICE ....27

KONKLUŻJONI ....27

# INTRODUZZJONI

B'sodisfazzjon u b'entużjażmu liema bħalu, flimkiem mat-tim prolifiku tal-Primary HealthCare, matul is-sena 2019 ilħaqna livelli bla preċedent ta' żvilupp fil-kura tas-saħħa primarja. Din id-dikjarazzjoni għandha tingħata l-kredibilità li jistħoqqilha meta dan ir-Rapport u l-kisbiet hawn taħt imsemmija jigu evalwati.

Matul l-2019 introduċejna b'suċċess mudelli innovattivi biex intejbu l-ekwità, l-effiċjenza, l-effettività, ir-rispons u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa fil-qasam tal-kura primarja. Dan l-impenn sar bil-għan li niżviluppaw b'mod pożittiv u ntejbu l-kwalita' tas-servizz għall-benefiċċju tal-komumita' inġenerali. Dawn li ġejjin huma fost l-inizjattivi ewlenin indirizzati matul din is-sena ta' ħidma:

(1) Wettaqna progamm ta' tisbieħ u mmodernizzar fiċ-Ċentri tas-Saħħa u f'numru ta' Kliniki fil-Komunità madwar il-Gżejjer Maltin. Dan sar biex minbarra li nkomplu nestendu u niffaċilitaw l-aċċessibilita' tas-servizzi li noffru fil-qasam tal-kura primarja, nersqu wkoll aktar qrib tar-residenti fil-komunita' fejn joqogħdu l-klijenti tagħna; uħud mill-Kliniċi fil-Komunita' jinkludu l-Klinika taż-Żurrieq, ta' Ħaż-Żabbar, taż-Żejtun, tal-Pietà, ta' Ħ'Attard, Ta' Sliema u dik tal-Mellieħa.

(2) Nedejna numru ta' servizzi speċjaliżżati mmirati biex nilħqu livell ta' Eċċellenza (CoE). Il-*Primary HealthCare Eye Screening Centre of Excellence* infetaħ fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana f'April. Filwaqt li f'Diċembru ġiet identifikata il-kumpanija li ser taħdem fuq l-proġett l-immodernizzar u t-tisbieħ tas-sezzjoni tal-Podjatrija fiċ-Ċentru tas-Saħħa f'B'Kara. Meta jitlesta, fl-2020, dan ukoll ser jiġi inawgurat bħala Ċentru ta' Eċċellenza tal-Podjatrija.

(3) Introduċejna programmi mmirati lejn il-Benessere Mentali, il-Kliniċi tal-Perinatal u għat-Transġeneri.

(4) Impjegajna għal-ewwel darba żewġ Konsulenti li jispeċjalizzaw fil-kura ta' dijabete u l-endokrinologija bil-għan li fil-ġejjieni qarib inkunu nistgħu nilħqu servizz ta' livell ta' eċċellenza f'dan il-qasam. Barra minn hekk nedejna servizzi ġodda fil-qasam tal-oftalmologija u l-kardjoloġija permezz tal-Konsultenti ġodda li jispeċjalzzaw f'dawn l-oqsma.

(5) Intensifikajna l-impenn tagħna fuq l-eżekuzzjoni tal-Programmi Nazzjonali tal-Iscreening b'mod ġenerali u b'mod partikolari tal-Kanċer tas-Sider u tal-Kanċer Kolorettali.

(6) Sostnejna l-assoċjazzjoni ma' Barts, l-Iskola tal-Mediċina u d-Dentistrija ta' Londra; matul l-2019 aktar minn 98 student mill-kampus ta' Barts f'Għawdex ġew assenjati u ħadmu mat-Tobba tal-Kura tas-Saħħa Primarja madwar Malta.

(7) Saħħaħna l-kampanja ta' għarfien tal-Primary HealthCare permezz ta' programmi imxandra fuq l-istazzjonijiet tar-radju u tat-TV, kartelluni u reklami ma' Malta u Għawdex. Barra minn hekk, il-fuljett il-*Primary HealthCare News Bulletin* li juri l-kisbiet importanti ġie imqassam b'mod wiesgħa fl-għaxar Ċentri tas-Saħħa tal-PHC u fil-Kliniċi tal-Komunità. Rappurtaġġ simili sar permezz tal-midja soċjali tal-PHC (bħal websajt, internet u Linked-in). Is-suċċess tal-Għaxar Konferenza Bijennali Primarja tas-Saħħa bit-tema - *Flimkien lejn l-Eċċellenza* kompla juri l-momentum pożittiv tagħna lejn il-bidla fil-qasam tal-kura primarja.

(8) Komplejna nisfruttaw il-benefiċċji tat-teknoloġiji diġitali ġdida biex nassiguraw li għandna biżżejjed kontrolli li jirriflettu t-traċċabilità, it-trasparenza,ir-responsabbilita' u l-verifika. Is-Sistemi tal-Informatika li ġew introdotti matul l-2019 jinkludu r-Rekord Elettroniku tal-Pazjent (ePR) u s-Sistema ta' Monitoraġġ Finanzjarju Ċentrali (CFMS), filwaqt li komplejna nespandu aktar l-introduzzjoni tal-RFID u wittejna it-triq għat-tnedija tal-iStock fil-2020. Barra minn hekk, introduċejna ukoll it-Trasport li jiffaċilta' li temperatura tinżamm ikkontrollata biex nassiguraw li l-ġar tal-kampjuni tad-demm u tal-awrina jaslu fil-Laboratorju tal-Patoloġija tal-Isptar Mater Dei.

(9) Imbarkajna f'eżerċizzju rigoruż li bih illiċenzjajna l-kliniċi taċ-Ċentri tas-Saħħa kollha li jipprovdu servizzi ta' radjografija, fiżjoterapija u podjatrija. Barra minn hekk, bdejna ukoll eżerċizzju intensiv ta' Assessjar tar-Riskju fuq is-Saħħa u s-Sigurta' flimkien mar-Riskju ta' Nar fuq il-Post tax-Xogħol. Dawn l-eżerċizzji qed isiru fiċ-Ċentri tas-Saħħa kollha biex niżguraw li l-istaff u l-klijenti tagħna jkunu qegħdin jaħdmu / jirċievu attenzjoni medika f'ambjent ħieles mir-riskju.

(10) L-2019 immarkajna ukoll mument storiku bl-iffirmar tal-Ftehim ta' €10 miljun li ġie mogħti lil-Primary HealthCare mill-Fond Nazzjonali Soċjali għall-Iżvilupp (NDSF) għat-tisħiħ ħolistiku ta' 8 Ċentri tas-Saħħa u l-54 Klinika tal-Komunità sa tmiem l-2021. Din l-għotja finanzjarja għandha wkoll tkun supplimentata minn €4 miljun addizzjonali mill-MFIN matul l-istess perjodu.

(11) F'Diċembru, wettaqna l-impenn tagħna favur l-ugwaljanza meta l-PHC rebaħ il-Premju għall-Ugwaljanza waqt iċ-ċerimonja tal-Premju tal-Ħaddiem Nazzjonali tas-Sena 2019.

(12) Il-Primary HealthCare kiseb iċ-ċertifikat Internazzjonali ISO 9001: 2015 li tkopri l-funzjonijiet operazzjonali kollha tal-PHC.

Dan is-suċċess kien possibbli għaliex ma ħallatniex dak li konna qed inkejlu mal-metrika nnifisha. L-Istrateġija tagħna, kienet, u dejjem se tkun immexxija mill-iskop kif deskritt fid-Dikjarazzjoni tal-Missjoni (*Mission Statement*) tagħna. Tabilħaqq, waqqafna front komuni – bi psikoloġija pożittiva li tippermetta lit-tim tal-Primary HealthCare, li jmur lil hinn b'mentalità soda u b'aġilità li kapaċi tbiddel id-direzzjoni kull meta tinqala' l-ħtieġa.

## IL-PROGRAMM TAL-GVERN

### Infrastruttura

Quddiem l-iżvilupp ta` bżonnijiet tas-saħħa u bżonnijiet soċjali, il-Primary HealthCare qed iżomm ruħu aġġornat billi jkompli jinvesti fl-infrastruttura sabiex itejjeb l-aċċessibilta` għas-servizzi. Ix-xogħlijiet ta` tiġdid fiċ-Ċentri tas-Saħħa u l-Bereġ komplew matul is-sena sabiex jiżdiedu s-servizzi lill-poplu Malti mingħajr ma' jkun hemm interruzzjoni fis-servizzi pprovduti u l-klijenti jingħataw l-aħjar kura possibbli fil-komunita'.

## PROĠETTI LI SARU MATUL L-2019

### *Il-Hub Vincent Moran fin-naħa t'isfel ta' Malta*

Beda ix-xogħol fuq il-bini tal-istruttura tal-Hub il-ġdid Vincent Moran fin-naħa t'isfel ta' Malta, li huwa ppjanat li jitlesta sal-2021 u se joffri varjeta' kbira ta' servizzi għall-kura tal-klijenti.
Dan huwa bil-bosta l-aktar proġett ta' sfida li l-Primary HealthCare qatt għamlet. Iċ-Ċentru Reġjonali tar-Raħal Ġdid se joffri s-servizzi kollha li bħalissa qed jiġu offruti lill-pubbliku mic-Ċentru preżenti, kif ukoll servizzi ġodda. Il-Ħub se jinkludi wkoll sular sħiħ iddedikat għall-Kirurġija ta' pazjenti li jintbagħtu minn Mater Dei. Il-proġett jinkludi 23 offerta ta' xogħolijiet, li jkopru l-aspetti differenti tal-proġett, li jvarjaw mid-Disinn tal-bini, għall-akkwist tat-tagħmir mediku meħtieġ, għamara ġdida, sistemi tal-IT, landscaping eċċ.

### *Il-Hub fin-naħa ta'fuq ta' Malta -Northern Hub*

Matul l-2019, il-momentum kien immirat għat-twaqqif ta' Ċentru Regjonali fit-Tramuntana ta' Malta. Sar ħafna xogħol fil-kitba tad-dokument għal-espressjoni ta' interess, u bħalissa jinsab fl-istadju finali. Dan iċ-Ċentru ser jirreplika s-servizzi ppjanati għaċ-Ċentru Reġjonali Vicent Moran. Speċifikament, iċ-Ċentru ser jipprovdi lill-pubbliku fit-Tramuntana ta' Malta b'kura speċjalizzata ta' kwalità billi joffri servizzi li bħalissa huma offruti fid-diversi Ċentri tas-Saħħa madwar Malta u Għawdex fuq bażi ta' 24-siegħa, u billi joffri wkoll numru ta' servizzi speċjalizzati li m'humiex offruti fiċ-Ċentri tas-Saħħa.

### *Ċentru ġdid fil-Victoria, Għawdex.*

Matul s-sena 2019 tkompla ix-xogħol fuq iċ-Ċentru l-ġdid ta' Victoria, Għawdex. Beda jsir xogħol ta' kostruzzjoni f'*external finishings* u fl-*internal finishings*, kif ukoll nfetħu t-*tenders* tal-apparat u l-għamara. Dan il-proġett għandu jitlesta matul s-sena 2020. Hemm ħsieb li jibda jopera ergħba u għoxrin siegħa kuljum meta jitlesta. Dan iċ-Ċentru se joffri aktar servizzi minn dak ta' qabel fosthom, Klinika tad-Dijabete, *Mental Wellbeing*, Klinika tat-tilqim, Klinika tal-feriti, Klinika għat-teħid tad-demm, Klinika tal-podjatrija u aktar kliniċi għat-tobba.

### *Immodernizzar taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira*

Dan il-proġett ta' immodernizzar huwa maħsub biex itejjeb it-tqassim tal-binja għal waħda aktar moderna u fl-istess waqt itejjeb l-aċċessibilità għall-pazjenti permezz tal-installazzjoni ta' lift. Bħalissa qed isiru diversi xogħolijiet ta' tħejjija b'antiċipazzjoni għall-bidu tal-proġett ta' rinovazzjoni. Barra minn hekk ser jiżdied ukoll is-servizz tal-fiżjoterapija, li sal-lum il-pazjenti tal-akkwati ta' dan iċ-Ċentru qed ikollhom immoru f'Ċentri oħra biex jirċievu dan is-servizz. Il-binja fejn hemm iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira hija skedata minnħabba l-valur storiku tagħha u għaldaqstant ser isirilha ukoll restawr tal-faċċata. Dan kollu għandu jibda fi Frar 2020 u jieħu madwar 40 ġimgħa biex jitlesta.

### *Ċentru ta' Eċċellenza fil-Primary HealthCare fuq il-kura tal-għajnejn (Primary Eye Screening) (€11,607)*

Dan iċ-Ċentru ta' Eċċellenza ġie mwaqqaf fit-26 ta'April 2019, bl-iskop li mill-*Primary Eye Screening Clinic* jiġu offruti s-servizzi kollha marbuta mal-iscreening tal-għajnejn fi ħdan il-Primary HealthCare permezz tal-aħjar applikazzjoni ta' apparat modern tal-għajnejn. Dan il-programm ħolistiku huwa essenzjali ferm għall-prevenzjoni tal-mard u l-kundizzjonijiet relatati mal-mard tal-għajnejn. Barra minn hekk, permezz ta' dan l-iscreening ser jiġi identifikat f'waqtu mard li jista' jikkawża tnaqqis fil-vista li jġib miegħu problemi fil-kwalita' tal-ħajja tal-pazjenti u fil-ħajja ta' dawk ta' madwarhom.

Iċ-Ċentru ta' Eċċellenza ser jiġbor taħt l-umbrella tiegħu s-servizzi kollha relatati mal-kura tal-għajnejn li bħalissa qed jingħataw minn numru ta' Ċentri tas-Saħħa madwar Malta, liema servizzi ser jiġu msaħħa bl-introduzzjoni tal-programm ħolistiku ta' l-iscreening tal-għajnejn; kunċett ġdid li qed jiġi varat għall-ewwel darba f'dan iċ-Ċentru.

### *Immodernizzar tal-Berġa taż-Żurrieq (€2,357)*

Il-berġa taż-Żurrieq sarilha *refurbishment* mill-ġdid sabiex il-Primary HealthCare jkun jistgħa jespandi s-servizzi fil-komunita'. Minn barra t-tabib u n-nurse, beda servizz ta' Podjatrija, Mental Wellbeing, *Speech and Language Pathology*, *Nutritionist* u klinika tal-*Lifestyle*. Dawn is-servizzi ġodda komplew isaħħu l-konvenjenza tal-klijent li jinqeda mill-lokal tiegħu minflok ma jmur ġewwa ċ-Ċentri tas-Saħħa ċentrali, għaldaqstant ressaqna s-servizz qrib iċ-ċittadin.

### *Immodernizzar tal-Berġa tal-Pieta' (€27,398)*

Klinika ġdida fil-Pietà ġiet inawgurata uffiċjalment fit-12 ta' Marzu 2019. Għal diversi snin, il-kura fil-komunità ma ngħatatx il-prijorità u l-attenzjoni li jistħoqqilha. Dan illum qed jinbidel. L-investiment f'din il-klinika huwa, tabilħaqq, xhieda ta' din l-ispinta għall-bidla, li se ssir b'repetizzjoni fil-kliniċi l-oħra fil-komunità fil-gżejjer Maltin.

Din il-klinika se toffri disa'servizzi differenti, lill-aktar minn 4,000 resident ta' Pietà u Gwardamanġia, u lil residenti oħra fil-viċin. Is-servizzi jvarjaw mit-tabib tal-kura tradizzjonali ġenerali, għall-kura tal-infermiera sal-podjatrija, il-lingwa u l-patoloġija tal-lingwa, flebotomija, *lifestyle*, *mental wellbeing*, dietician u nutrizzjonista. Madwar 700 klijent li jbatu minn diffikultajiet ta' komunikazzjoni u disfaġja se jibbenefikaw ukoll mill-Klinika Speċjalizzata għall-Adulti.

### *Immodernizzar tal-Berġa ta' Ħ'Attard (€3,294)*

Il-Berġa ta' Ħ'Attard ġiet inawgurata fis-17 ta'April 2019. Minbarra s-servizzi tat-tabib, l-infermier u s-servizz tal-Patoloġija tad-Diskors u l-Lingwa li diġà kienu offruti minn din il-klinika, l-irranġar mill-ġdid iffaċilita l-introduzzjoni ta' tliet servizzi oħra li jinkludu: is-Servizz tal-Podjatrija; Servizz tal-*Mental Wellbeing*; u l-klinika tal-Lifestyle. L-estensjoni ta' dawn is-servizzi fil-komunità se ttaffi wkoll il-listi ta' stennija minn numru ta' Ċentri tas-Saħħa u tagħmilha aktar faċli biex klijenti jkollhom aċċess għas-servizzi tal-Primary HealthCare.

### *Immodernizzar tal-Berġa tas-Sliema (€863)*

Sar ukoll immodernizzar fil-berġa tas-Sliema sabiex din tkun tista' taqdi l-bżonnijiet għall-komunita' u ġiet inawgurata fis-26 ta' April 2019. F'din il-berġa hemm servizz ta' tabib u nurse, *Speech language Pathology* u *Mental Wellbeing.*

### *Immodernizzar tal-Berġa ta' Ħaż-Żabbar (€45,689)*

Fil-Berġa ta' Ħaż-Żabbar sar *refurbishment* kbir u immodernizzar estensiv u ġiet inawgurata fl-20 ta' Settembru 2019. Minnbarra s-servizz tat-tabib u nurse, għall-ewwel darba fil-komunita' f'din il-berġa beda s-servizz ta' teħid tad-demm kuljum, kif ukoll se jibda fit-2020 is-servizz tal-Adult Down Syndrome.

### *Immodernizzar tal-Berġa taż-Żejtun (€59,967)*

Il-klinika tal-komunità taż-Żejtun ġiet immodernizzata bħala parti mill-pjan tal-Gvern li kull belt u raħal ikun mgħammar b'ċentru tas-saħħa jew klinika komunitarja (Berġa), biex jissodisfa l-bżonnijiet tas-saħħa tal-popolazzjoni lokali eqreb lejn djarhom. Il-klinika infetħet għall-Pubbliku fl-24 ta'Ottubru 2019. Minbarra s-

servizzi tat-Tabib u l-Infermiera, ġew miżjuda servizzi oħra biex jissodisfaw il-ħtieġa tar-residenti taż-Żejtun fosthom il-Fiżjoterapija, il-Podjatrija u *Speech Language Pathology*.

### *Immodernizzar tal-Berġa tal-Mellieħa (€11,032)*

Il-Berġa tal-Mellieħa sarilha *refurbishment* estensiv u nfetħet għall-Pubbliku f' 19 ta' Diċembru 2019. Din il-berġa għanda potenzjal kbir għaliex se tkun taqdi l-klijenti tan-naħa ta' fuq ta' Malta u tnaqqas il-pressjoni minn fuq iċ-Ċentru tal-Mosta. Mas-servizz tat-tabib u *nurse*, żdiedu s-servizzi tal-*Speech and Language Pathology,* se jiftaħ ukoll servizz għall-persuni transgender, servizz tal-podjatrija, Mental Wellbeing, fiżjoterapja u servizz għall-klijenti bl-Obeżita'.

### *Immodernizzar tas-sezzjoni tal-Podjatrija fiċ-Ċentru ta'B'Kara (€192,088)*

Matul is-sena 2019 sar ix-xogħol kollu meħtieġ sabiex fis-sena li ġejja isir ir-*refurbishment* tas-sezzjoni tal-Podjatrija ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' B'kara. Ix-xogħol tal-Podjatrija ta' B'kara tqassam kollu ġewwa l-bereġ ta' Malta, fosthom dawk ta' Ta' Xbiex, Msida, Pieta', Attard, Zejtun, Zurrieq u Mellieħa.

## PROGETTI TAL-INFORMATIKA U T-TELEKOMMUNIKAZZJONI (ICT) MATUL L-2019

### *Electronic Patient Records għall-Primary HealthCare (EPR)*

Il-Primary HealthCare qed jieħu sehem fil-proġett tal-Gvern bil-fondi Ewropej – CONvErGE li parti minnu hija s-sistema ta' records elettroniċi tal-pazjenti. B'din is-sistema, *il-files* tal-karta ħa jinqataw darba għal dejjem biex kull pazjent ikollu l-informazzjoini tiegħu/tagħha f'kull ċentru tas-saħħa jew berġa kull meta jkollu bżonnha. B'hekk tkun tista tingħata kura u servizz aħjar għax isiru l-aħjar deċiżjoniet mill-professjonisti b'sigurta' għall-pazjenti. Dan ukoll billi jkun hemm kontinwita' tal-kura għax kull appuntament li jkollu l-pazjent se jkun hemm it-tagħrif kollu imdaħħal fil-rekords tal-pazjent. Din is-sistema tagħti wkoll titjib fl-istatistika u moniteraġġ tal-andament ta' kull ċentru tas-saħħa. Se jkun hemm anqas użu ta' karti, titjib f'effiċjenza u possibilita' biex issir riċerka. Din is-sena is-sistema ġiet varata fiċ-Ċentri tas-Saħħa ta' Kirkop, Bormla u Raħal il-Gdid u mistennija tinfirex maċ-ċentri kollha sa Mejju tas-sena d-dieħla.

### *Client Support Centre tal-Primary HealthCare*

Matul is-sena 2019 kien hemm 242,857-il telefonata indirizzata lill-*Client Support Centre*. Kumparat mal-2018 dawn iċ-ċifri juru żieda ta' 20,177 (9.1%) telefonata li daħlet fil- *Client Support Centre*. Fl-istess ħin,

kien hemm tnaqqis ta' 14-il sekonda (23.3%) fuq kemm wieħed idum jistenna sakemm it-telefonata tiġi mwieġba.

### *Involviment tat-tobba fil-privat*

Il-Primary HealthCare kienet attiva matul is-sena sabiex tgħin fl-inizjattiva biex it-tobba li jaħdmu fil-privat ikollhom aċċess għas-sistemi tal-IT użati mid-Dipartiment tas-Saħħa. Il-Primary HealthCare ħadmet flimkien mal-MITA fuq il-proġett fejn it-tobba li jaħdmu fil-privat ikunu jistgħu jordnaw testijiet tad-demm li jsiru fil-laboratorji tal-isptar Mater Dei dirett minn fuq il-*myHealth*; liema proġett inbeda fl-2015. Bdiet funzjonalità ġdida fuq il-*myhealth,* it-Tnejn 23 ta 'Diċembru, li tippermetti lit-tobba jagħżlu jekk appuntament għall-flebotomija isirx fiċ-Ċentri tas-Saħħa. Sar ukoll proċess sabiex tobba fil-privat ikunu jistgħu jordnaw *x-rays* minn fuq il-*myHealth.* Il-Primary HealthCare kellha numru ta' laqgħat mat-tobba fil-privat fuq is-sistema tal-*Electronic Patient Records*, liema sistema mistennija tkun offruta biex tintuża mit-tobba fil-privat.

## SERVIZZI ĠODDA

### *Programm tal-Weight Management fil-Primary HealthCare*

L-għan ta' dan il-programm huwa li jappoġġja u jgħin individwi li għandhom piż żejjed u obeżi jitilfu l-piż, jipprevjenu li jerġgħu jiksbu piż u jevitaw żieda fil-piż għal ħajjithom. Dan għandu l-għan li jbiddel l-imġieba tal-istil tal-ħajja li parzjalment jikkontribwixxi għal piż żejjed, partikolarment billi jnaqqas il-konsum tal-enerġija u jħeġġeġ individwi biex ikunu iktar attivi fiżikament. Il-programm jgħin biex jilħaq firxa ta' għanijiet tas-saħħa pubblika, inkluż it-tnaqqis ta' mard maġġuri li ma jitteħidx assoċjat ma' l-obeżità, bħal dijabete tat-tip 2, mard tal-qalb koronarju, iperkolesterolemija, pressjoni għolja, osteoartrite u ċerti tipi ta' kanċer. Dan il-programm beda fil-PrimaryHealthCare fit- 22ta' Jannar 2019.

### *Proġett tal-fiżjoterapija għall-membri tal-AFM f'Ħal-Kirkop*

Ġie mniedi servizz ġdid ta' fiżjoterapija fi ħdan il-Primarja HealthCare b'kollaborazzjoni mal-Forzi Armati ta' Malta.
Wara nofsinhar bdiet issir klinika tal-fiżjoterapija fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Kirkop. Il-klinika hija ddedikata għall-impjegati tal-AFM biss. Il-klijenti huma riferuti mill-istaff mediku ta' l-AFM għal korrimenti muskolu-skeletali u mbagħad jiġu vvalutati u trattati kif xieraq, fil-ħin u effiċjenti. Dan il-proġett huwa maħsub li jibqa fis-seħħ sa meta l-AFM torganizza sistema medika interna.

### *Grant ta' €10 Miljuni min-National Development and Social Fund (NDSF)*

Fl-20 ta' Mejju 2019, il-National Development and Social Fund (NDSF), uffiċjalment u pubblikament approvat l-allokazzjoni ta' €10 miljun għall-immodernizzar ta' tmien Ċentri tas-Saħħa u 54 il-Berġa. L-għan ta' dan il-proġett mhuwiex biss biex jiġu mmodernizzati l-faċilitajiet, iżda wkoll biex jitjiebu s-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja li jiġu offruti f'dawn il-postijiet.

Il-ħidma fuq dan il-proġett bdiet immedjatament bl-ippjanar strateġiku u l-kitba tad-dokument għall-espressjoni ta' interess. Sal-aħħar tal-2019, tliet bereġ ġew immodernizzati bis-saħħa ta' dan il-proġett.

Sal-aħħar ta' sena 2019, minn dan il-Fond diġa tħallset s-somma ta' €53,491 filwaqt li ġiet allokata s-somma ta' €2.19 miljun għal immodernizzar u t-tisbieħ taċ-Ċentru tal-Podjatrija ta' Birkirkara (€192,088), iċ-Ċentru ta' Saħħa tal-Gżira (€1,095,892) u ċ-Ċentru ta' Saħħa l-ġdid ta' Victoria Għawdex (€909,412).

### *Introduzzjoni ta' servizz ta' konsulent tal-Oftalmologija fiċ-Ċentru tal-Furjana*

F'Novembru ta' 2019, ġie introdott konsulent tal-Oftalmoloġija fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. Dan il-Konsulent qed jara pazjenti bi problemi tal-għajnejn bħal *glaucoma*, sinjali taz-zokkor fl-għajnejn u *optometry*. B'dan is-servizz ġie mnaqqas l-ammont ta' pazjenti li jiġu riferuti fl-Isptar Mater Dei għall-kura ta' kundizzjonijiet ta' mard li jista' jiġi kkurat f'waqtu fil-livell primarju.

### *Introduzzjoni ta' servizz ta' konsulenti tal-Kardiologija fiċ-Ċentri ta' Malta*

Żewġ Konsulenti fil-qasam tal-Kardioloġija bdew jagħtu servizz fiċ-Ċentri tas-Saħħa ta' B'Kara, Mosta u Furjana. Dawn il-Konsulenti qedgħin jaraw pazjenti bi problemi tal-qalb u ċirkulazzjoni li jiġu referuti minn Mater Dei u oħrajn li jiġu rreferuti mit-Tobba tal-Familja jew mit-tobba taċ-Ċentri tas-Saħħa. Żewġ tobba *(General Practitioners)* qegħdin jgħinu lill-dawn il-Konsulenti u fis-sena li ġejja hemm il-ħsieb li jkollhom klinika għalihom u b'hekk jonqos il-ħin ta' stennija.

### *Introduzzjoni ta' servizz ta' konsulenti tad-Dijabete u Endokrinoloġija fiċ-Ċentri tas-Saħħa*

Ġew ingaġġati żewġ Konsulenti fil-qasam tad-Dijabete u Endokrinoloġija: dan is-servizz beda minn Ottubru 2019 fiċ-Ċentri tas-Saħħa ta'B'Kara, Furjana, Mosta u Qormi. Dan jinkludi servizz għall-pazjenti li għandhom il-kundizzjoni tad-dijabete u problemi tal-endokrinoloġija. Fis-sena 2020 dan is-servizz se jkompli jkompli jissaħħaħ biex jikseb il-livell ta' Eċċellenza. Dan huwa pjan ħolistiku għall-pazjenti kollha li għandhom il-kundizzjoni tad-dijabete sabiex jinqdew mit-tim multidixxiplinarju tal-Primary HealthCare.

### *Insaħħu t-Tobba ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Għawdex*

Matul is-sena 2019 sar ħafna xogħol sabiex jiżdied l-ammont ta' tobba li jaħdmu ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Għawdex. Fis-sena 2020 hemm maħsub si jsir aktar xogħol sabiex aktar tobba jingħaqdu mat-tim f'dan iċ-Ċentru sabiex kif ikun hemm iċ-Ċentru l-ġdid, jibda joffri servizz erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.

### *Introduzzjoni ta' servizz ġdid ta' Fiżjoterapija fil-Bereġ ta' Malta*

Fil-5 ta' Novembru 2019, servizz ġdid tal-fiżjoterapija tnieda ġewwa l-berġa taż-Żejtun. Dan jikkonsisti f'*assessment clinics* għall-pazjenti li għandhom bżonn il-fiżjoterapija għall-uġiegħ tal-għadam. Dan huwa servizz bl-appuntament mill-pazjent innifsu jew riferut mingħand il-professjonisti. Il-fizjoterapista jeżamina l-klijent ħolistikament.. Hemm ħsieb li dan is-servizz jiġi estiż f'bereġ oħra matul is-sena 2020.

### *Introduzzjoni ta' servizzi ta' Mental Wellbeing ġewwa l-kliniċi tal-Komunita'*

Matul is-sena 2019 tnieda servizz ta' psikjatra f'numru ta' kliniċi tal-komunita' fosthom: f'Ħ'Attard, Zurrieq, Sliema, Pieta', Birgu, Zebbuġ u minn Jannar 2020, ukoll fil-Mellieħa. Dawn il-bereġ kollha ġew *refurbished* sabiex ikunu jistgħu jilqgħu dan it-tip ta' servizz. Barra minn hekk servizz ta' *Peri-natal mental wellbeing* qiegħed jingħata minn dawn il-bereġ u miċ-ċentri tas-Saħħa fosthom, Mosta u Qormi.

### *Introduzzjoni ta' servizz ta'Adult Down Syndrome Clinic ġewwa il-Bereġ*

L-*Adult Down Syndrome Clinic* ilha magħluqa madwar sena u nofs. Ħafna xogħol sar matul s-sena 2019 sabiex din il-klinika terġa tieħu n-nifs u hemm ħsieb li tiftaħ fil-bidu tas-sena 2020. Ġiet identifikata tabiba u nurse sabiex imexxu din il-klinika. Żewġ bereġ, dik ta' Ħaż-Żabbar u tal-Pieta' ġew identifkati bħala l-post minn fejn jingħata dan is-servizz. Servizz bl-appuntament għall-klijenti tad-Down Syndrome fil-għaxija. Servizz ħolistiku li jinkludi vista ta' tabib speċjalizzat tal-familja, nurse kif ukoll teħid tad-demm fl-istess ħin.

### *Introduzzjoni ta' servizz Ħolistiku għal kontra l-Obesita' fil-Bereġ*

Id f'id mad-Dipartiment tal-Public Health, il-Primary HealthCare lesta xogħol sabiex jitneda servizz ħolistiku kontra l-obesita' ġewwa l-bereġ. Fil-Berġa tal-Mellieħa sar *refurbishment* matul is-sena 2019

sabiex dan il-proġett iseħħ. Klijenti bil-problem tal-obesita' jkunu jistgħu jiġu eżaminati ħolistikament mit-tabib, psikjatra, endokrinoloġista' u *dietician* jew *nutritionist*, skond il-bżonn.

***Introduzzjoni ta' servizz ta' Konsultazzjoni bit-Telefon ġewwa ċ-Ċentru tal-Mosta***

Sar ħafna xogħol sabiex jitneda proġett fejn it-telefonati tal-klijent li jagħmel lit-tabib isiru ċentralizzati miċ-Centri tas-saħħa ewlenin. Beda proġett pilota fiċ-Ċentru tal-Mosta, fejn tabib ikollu ħin allokat matul il-ġurnata sabiex jieħu t-telefonati kollha, jagħti konsultazzjoni fuq it-telefon u jirreferi l-klijent lejn iċ-ċentri tas-saħħa jew issir viżta fuq il-post. Dan il-proġett għandu jiġi estiż f'ċentri oħra matul is-sena 2020.

***Introduzzjoni ta' servizz ta' GP (General Practitioner) appointment clinic fiċ-Ċentru ta' Ħal-Qormi***

Proġett ieħor fejn il-klijent jkun jista' jagħmel appuntament mat-tabib tal-familja taċ-Ċentri tas-saħħa minn fejn ikun jista' jibbenifika minn pjan ħolistiku għas-saħħa tiegħu - *GP appointment clinic*. Servizz li se jingħata filgħodu u filgħaxija bħala proġett pilota fiċ-ċentru tas-saħħa ta' Ħal-Qormi se jibda fis-sena 2020. Hemm il-ħsieb li jiġi estiż ukoll għall-pazjenti mill-Outpatients ta' Mater Dei.

***Introduzzjoni ta' servizz ta' teħid tad-demm fil-Bereġ ta' Malta***

Fil-Bereġ ta' Ħaż-Żabbar u tal-Pieta' li ġew immodernizzati din is-sena tnieda servizz ġdid għall-ewwel darba fil-komunita', servizz ta' teħid tad-demm minn flebotomisti speċjalizzati. Dan kien servizz importanti mhux biss għan-nies ta' dawn il-lokalitajiet, iżda ukoll għall-klijenti tal-lokalitajiet tal-madwar. Dan is-servizz naqqas pressjoni kbira minn fuq numru ta' Ċentri tas-Saħħa kif ukoll naqqas pressjoni min- nies li jmorru Mater Dei. Dan is-servizz qiegħed jingħata ukoll fil-Festi u l-Ħdud sabiex jilħaq kull ċittadin fil-komunita'.

***Estenzjoni tas-servizz tal-podjatrija ġewwa l-bereġ ta' Malta***

Is-servizz tal-Podjatrija għamel passi ta' ġgant matul din is-sena għaliex għaraf li jespandi s-servizz tiegħu ġewwa l-komunita'. Fetaħ fergħat ġewwa ħafna mill-bereġ li ġew *refurbished,* fosthom: iż-Zurrieq, Ħ'Attard, tal-Pieta', taż-Żejtun u l-Mellieħa. Sabiex ikun jista' jsir *refurbishment* taċ-Ċentru ta' Eċċellenza f'B'kara, il-Podjatrija nfirxet ukoll f'bereġ oħra; bħal Ta'Xbiex u l-Imsida għalhekk is-servizz ma jingħalaqx

tul dan il-perjodu ta' rinovar u ġie estiż anke l-ħin ta' appuntamenti biex il-pazjenti jkunu jistgħu jinqdew ukoll wara nofsinhar.

### *Klinika tal-TransGender Wellbeing*

Il-Klinika tat-*TransGender Wellbeing* li bdiet topera mill-Klinika tas-Saħħa fl-Imtarfa f'Ottubru 2018, kompliet tespandi is-servizz tagħha f'din il-lokalita'. Il-klinika għandha l-għan li toffri kura tas-saħħa u aċċess għal terapija ħolistika għall-persuni transgender, permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-persuna. Persuni jistgħu jiġu riferuti f'din il-klinika minn tobba, psikologi u ħaddiema soċjali. Dan is-servizz tkompla s-saħħaħ mis-servizz *fulltime* ta' *nurse* speċjalizzata u l-appoġġ tal-i*Speech Lanuage Pathology* fejn fetaħ servizz tal-lingwa għall-persuni transgender.

### *Jibda l-Adult Speech Therapy clinic*

*Speech Language Pathology* qed iniedi "Servizzi Speċjalizzati fil-Komunità għall-Adulti" immirati għall-valutazzjoni u t-trattament ta' patoloġiji akkwistati ta' diskors fl-adulti biex b'hekk isir servizz speċjalizzat aktar speċifiku. Is-servizz se jipprovdi wkoll żjarat fid-Dar għall-kura ta' klijenti immobbli u apparti mill-intervent dirett tal-klijent, dan it-tim ta' SLPs se jkun involut ukoll fit-taħriġ tal-klijent, taħriġ ta' professjonisti oħra u edukazzjoni pubblika ġenerali. Is-servizz speċjalizzat il-ġdid jipprovdi wkoll servizzi ta' konsultazzjoni u appoġġ lis-servizz tal-komunità SLP preżenti. Dan is-servizz beda jagħti frott min Marzu 2019 f'żewġ bereġ, fil-Pieta' u Ħ'Attard.

Madwar 700 klijent li jbatu minn diffikultajiet ta' komunikazzjoni u *dysphagia* se jkunu qed jibbenefikaw minn dan is-servizz il-ġdid kemm f'termini ta' konsultazzjoni kif ukoll forniment ta 'servizz dirett.

### *Titneda il-Well-Being Clinic*

Primary HealthCare hija impenjata li tilħaq lill-klijenti fl-ambitu tal-komunità tagħhom, tiffaċilita l-kura ċċentrata fuq il-pazjenti ta' kwalità tajba għal kulħadd b'dinjità u rispett.

Il-*Wellbeing clinic*, se żżomm approċċ ħolistiku għall-kura tas-saħħa. Il-klinika hija servizz ta' *screening* li matulu issir intervista ġenerali tas-saħħa.

Proġett pilota beda miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi minn Marzu 2019. Klijenti bejn l-età ta' 45 u 65 sena huma msejħa biex jieħdu sehem f'dan is-servizz ta' screening. Infermier u tabib imexxu l-iscreening, fejn diversi mard jista' jiġi identifikat u evitat. Dan imbagħad se jiskatta serje ta' proċeduri investigattivi olistiċi biex jindirizzaw prevenzjoni ta' mard. Hemm ħsieb li dan il-proġett jitnieda f'ċentri oħra tas-saħħa.

### *Premju Ħaddiem tas-Sena 2019*

L-avveniment tal-Premijiet Nazzjonali tal-Ħaddiem tas-Sena tal-2019 sar fl-4 ta' Diċembru 2019 fir-*Radisson Golden Sands*. Din is-sena l-Primary HealthCare ngħatat il-premju prestiġġjuż għall-Ugwaljanza. Il-Marka tal-Ugwaljanza hija ċertifikazzjoni li tingħata lill-entitajiet u organiżżazzjonijiet li jipprattikaw l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-impjieg mingħajr l-ebda forma ta' diskriminazzjoni, u fil-mod li s-servizzi jiġu pprovduti lill-klijenti tagħhom.

Il-Premju għall-Ugwaljanza jirrikonoxxi l-impenji multidixxiplinarji tal-Primary HealthCare lejn il-pazjent. Ir-rwol tal-Primarja HealthCare huwa li jiżgura li l-klijenti u l-impjegati jgawdu l-ogħla livell ta' kura mingħajr distinzjoni tal-kundizzjoni soċjali u ekonomika, ġeneru, twemmin politiku, razza jew reliġjon.

### *ISO 9001:2015 għall-Primary HealthCare*

Il-ħidma fuq it-twettieq tal-ISO 9001:2015 QMS kompliet għaddejja b'ritmu mgħaġġel matul is-sena 2019. Aktar għarfien u taħriġ kompla jingħata lil impjegati biex jintegraw aktar fis-sistema u jtejbu l-kwalita' ta' servizz lejn il-klijenti tagħna, waqt li l-kompetenzi tagħhom komplew jiġu żviluppati u mtejba. L-MCCAA wetqet assesjar biex tevalwa l-livelli mixtieqa u mistennija. Għaldaqstant dawn il-livelli ntlaħqu u lejn l-aħħar tas-sena l-Primary HealthCare kisbet ukoll iċ-ċertifikat ta' dan il-proċess għal dawn it-tlett snin li ġejjin.

### *10th Biennial Primary HealthCare Conference*

Fil- 11 ta' Ottubru saret it-*10th Biennial Primary HealthCare Conference,* konferenza li issir kull sentejn, fejn il-*Primary HealthCare* tipproġetta u tifrex il-proġetti kollha tagħha li saru madwar is-sentejn li jkunu għaddew u li se jsiru fil-futur qarib. Din id-darba isemmew proġetti minn *keynote speakers* fuq il-Hub il-ġdid ta' Raħal Ġdid, *National Development Social Funds* (NDSF) u l-għanijiet strateġiċi tal-fond, l-*Iso-certification 9001:2015* taħt l-umbrella tal- MCCAA, u l-*Electronic patient records* (EPR). Barra minn hekk saru *workshops* fuq temi differenti fejn il-persunal jistgħa jiddiskuti u joffri idejat fuq il-Primary HealthCare.

## *RIŻORSI UMANI*

Matul is-sena 2019, il-*Primary HealthCare* kompla bil-ħidma tiegħu sabiex isaħħaħ l-istruttura tar-Riżorsi Umani fi ħdanu. It-tim tal-Primary HealthCare huwa tim multidixxiplinarju u l-ħaddiema jammontaw għal

madwar 1,000. Is-sezzjoni tar-Riżorsi Umani taħdem id f'id mas-sezzjoni Ċentrali fi ħdan il-Dipartiment tas-Saħħa sabiex ikun konformi mal-istrateġija tal-politika tal-gvern.

Matul is-sena ġew ingaġġati diversi impjegati fosthom konsulenti, infermiera ġodda, tobba li jispeċjalizzaw fil-mediċina tal-familja, fiżjoterapisti, podoloġisti, u flebotomisti fost oħrajn sabiex ikomplu jtejbu s-servizzi li jingħataw miċ-Ċentri tas-Saħħa u mill-Bereġ madwar Malta u Għawdex. Ġew ukoll estiżi diversi servizzi fil-komunita' sabiex il-Kura Primarja tkun aktar aċċessibbli.

### *Taħriġ*

Il-*Primary HealthCare* kompla jinvesti fit-taħriġ neċessarju għall-impjegati tiegħu. Għall-ewwel darba ingħata kors ta' taħriġ lill-impjegati li jmissu direttament mal-klijenti/pazjenti fiċ-Ċentri tas-Saħħa kif ukoll taħriġ dwar protezzjoni tad-Data.

Il-*Primary HealthCare* jemmen li t-taħriġ professjonali kontinwu lill-ħaddiema u l-edukazzjoni tal-pazjenti huma s-sisien li jwasslu għall-Primary HealthCare aħjar. Il-*Practice Development Unit* kompla bil-ħidma tiegħu sabiex ikabbar it-tagħrif tal-pubbliku dwar is-servizzi li d-dipartiment joffri. Dan sar permezz ta` kampanji ta' edukazzjoni kif ukoll b'diversi b'attivitajiet informattivi. Fil-fatt ġew organiżżati diversi attivitajiet edukattivi u korsijiet u dawn kienu mmirati kemm għall-klijenti kif ukoll għall-ħaddiema. L-*Infection Control Unit* ukoll kompla jagħti *lectures* u taħdidiet edukattivi dwar il-kontroll tal-infezzjonijiet.

Ħafna impjegati ġew magħżula u mibgħuta għal taħriġ organizzat mill-Institute for Public Services (IPS) filwaqt li impjegati oħrajn ġew mogħtija *sponsorships* permezz tal-*European Social Fund* sabiex ikomplu it-taħriġ tagħhom barra minn Malta.

## SEZZJONI TAL-ACCOUNTS U PROCUREMENT

Matul din is-sena l-arretrati nżammu fl-istess livelli tas-sena ta' qabel, jiġifieri bejn 3 u 4 xhur. F'ċerti każijiet dawn l-ammonti kienu inqas minn 3 xhur skont l-allokazzjoni tal-baġit.

### L-Allokazzjoni tal-Baġit

Dawn li ġejjin huma l-fondi allokati lill-Kura Primarja u li jinqasmu fi spejjeż Rikurrenti, Kapitali u Programmi u Inizjattivi. Dawn il-fondi ġew użati għall-ħlasijiet ta' salarji, servizzi u għal kull xiri ieħor li jaqa` taħt ir-responsabilita` tal-entita'.

**Tabella 1- Fondi tal-Kura Primarja**

| Vot | | 2019 | 2018 |
|---|---|---|---|
| 12-17 | Salarji | 36,352,431 | 29,676,730 |
| 21 | Servizzi | 330,000 | 340,000 |
| 22 | Materjal u Provvisti | 228,000 | 309,000 |
| 23 | Tiswija u Manutenzjoni | 54,300 | 113,000 |
| 24 | Kera | 151,000 | 287,000 |
| 25 | Sħubijiet Internazzjonali | 5,000 | 5,000 |
| 26 | Spejjez Amministrattivi | 24,000 | 30,000 |
| 27 | Trasport | 129,000 | 53,000 |
| 28 | Safar | 2,000 | 3,000 |
| 29 | Servizzi ta` Informazzjoni | 11,000 | 21,000 |
| 30 | Kuntratti | 1,198,000 | 743,000 |
| 31 | Servizzi Professjonali | 475,000 | 386,000 |
| 32 | Taħriġ | 17,000 | 24,000 |
| 34 | Ospitalita | 1,000 | 5,000 |
| 5505 | Programm tal-iScreening Nazzjonali | 1,350,000 | 1,336,000 |
| 7137 | Vot Kapitali | 700,000 | 600,000 |
| 7386 | *Equipment for National Screening Unit* | 0 | 0 |

## Salarji

Il-Kura Primarja ġiet allokata €36.35 miljuni għall-pagi, dawn jirrappreżentaw madwar 89% tal-baġit kollu. Minbarra l-COLA, kien hemm ziedet fil-pagi skont il-ftehim kolletiv tas-Servizz Pubbliku, żiediet fil-pagi u fl-allowances, li jinkludu ukoll arretrati (2018), skond il-ftehim settorali tal-infermieri u l-qbiela. L-ammont ta' arretrati f'dan ir-rigward kien mandwar €695,000. Kien hemm ukoll żidiet fil-pagi li kienu attribwiti

għall-impjegati ġodda li daħlu jaħdmu mal-entita u l-progressions; fosthom *Senior GPs, GP Trainees, Phlebotomists, Allied Assistants*, u *Nurses*.

### Nefqa għall-Operat u l-Manutenzjoni

Il-baġit allokat għall-2019 għall-ispejjeż tal-operat u l-manutenzjoni (Voti 21, 22, u 23) naqas b'€149,700. Il- Vot 24 - Kera naqas b' €67,000 filwaqt li kien hemm żieda fil- Vot 27 - Transport (€76,000). Iż-żieda prinċipali kienet fil-Voti 30 – Kuntratti u Vot 31 - Servizzi Professjonali ta' €544,000. L-ispejjeż l-oħra baqgħu fuq l-istess livelli tas-snin ta' qabel, filwaqt li tkomplew il-miżuri biex jiġu iffrankati l-ispejjeż bħal użu aħjar tas-servizzi kontrattwali u *preventive maintenance agreements*.

### Programmi u Inizjattivi

€1.35 miljun kienu allokati għall-Programm tal-iScreening Nazzjonali li jaqa` taħt ir-responsabilita` Kura Primarja; żieda ta' €14,000 fuq is-sena preċedenti. Dan il-vot ikopri l-ispejjeż kollha li għandhom x`jaqsmu mal-programm inkluż is-salarji (62%), kapital (3%) u spiża rikorrenti (35%). L-ispiża rikorrenti tinkludi spejjeż relatati mal-fornitura ta' apparat mediku, manutenzjoni tal-apparat speċjalizzat, servizzi kontrattwali u servizzi ta` informazzjoni.

### Spiża Kapitali

Matul is-sena, il-Kura Primarja kompliet bil-programm ta` tisbieħ u innovazzjoni fiċ-Ċentri tas-Saħħa u l-Bereġ fil-Kommunita'. L-ammont ta` €700,000 ġie allokat għall-ispiża kapitali matul l-2019. Dawn li ġejjin huma analiżi ta` kif intefqu l-flus fuq xogħol ta` infrastruttura u xiri ta` apparat.

## PROTEZZJONI TAD-DATA

Matul l-2019, kompla jigi aġġornat il-fuljett-ġwida tal-Primary HealthCare '*Data Protection for Primary HealthCare'* u qiegħed jintbagħtu wkoll messaġġi elettroniċi fuq il-Protezzjoni tad-Data permezz ta' l-imejl lill-impjegati kollha. Inagħtaw wkoll kors fuq il-Protezzjoni tad-Data l-impjegati kollha tar-*Reception*. Inħarġu 16 il-permess lill-studenti ta' l-Universita` biex tkun tista' issir riċerka fil-Primary HealthCare u intlaqgħu 18 il applikazzjoni minn pazjenti biex isirilhom kopja ta' data personali li nżommu fuqhom.

## SERVIZZI KLINIĊI PPROVDUTI FIL-PRIMARY HEALTHCARE

### Servizz ta` Tobba

**Tabella 2: It-Tobba tal-Familja**

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Viżti li saru fiċ-ċentri tas-saħħa | 394,404 | 424,965 |
| Riċetti ta` mediċini bl-appuntament | 36,029 | 32,261 |
| Viżti bl-appuntament li saru fil-bereġ | 102,933 | 105,338 |
| Viżti fid-djar tal-pazjenti | 23,570 | 24,555 |
| Klinika tar-rizultati | 7,592 | 1,705 |
| *Chronic Disease Management Clinic* | 5,712 | 2,835 |
| *Anticoagulant Clinic* | 19,294 | 17,642 |
| *Ear Syringing* | 3,016 | 3,255 |

## Servizz ta' Infermiera

Ir-rwol tal-infermiera fil-Primary HealthCare kompla jikber u jinkludi kliniċi mmexxija minn infermiera, kif ukoll kliniċi fejn l-infermiera tassisti. Dawn il-kliniċi jinkludu l-prevenzjoni, l-kura u r-rijabilitazzjoni tal-pazjenti fil-qafas tal-Primary HealthCare.

**Tabella 3: Kura mogħtija minn I*nfermiera***

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Kura mogħtija minn infermiera fit-*treatment room* | 142,909 | 156,919 |
| *Plaster Room / Back Slab Clinic* | 1,435 | 1,567 |
| *Chronic Kidney Disease Prevention Cinic* | 1,232 | 2,835 |
| Investigazzjoniet tad-demm | 135,642 | 146,815 |
| Klinika tal-feriti | 43,318 | 39,884 |

| | | |
|---|---|---|
| Klinika tad-dijabete | 16,867 | 17,088 |
| Klinika tal-konsulent kliniku u tax-*Schedule V* | 8,630 | 8,880 |

## Servizz ta` Ambulanza

Is-servizz tal-Ambulanza fil-Primary HealthCare baqa' jissaħħaħ matul is-sena 2019 sabiex jagħti servizz effiċjenti u ta' malajr lill-pazjenti li għandhom bżonn kura ta' emerġenza lejn l-isptar ta' Mater Dei. Dan is-servizz inaqqas il-ħin li pazjent b'emerġenza għandu jistenna sabiex jinqeda.

**Tabella 4: Servizz ta' Ambulanza**

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta | 1,976 | 2,074 |
| Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid | 2,424 | 2,801 |

## Servizz ta' *Port-a-cath*

Is-servizz ta' *port-a-cath flushing li jingħata* lil dawk il-pazjenti li spiċċaw il-kimoterapija u li jkunu għadhom bil-*port-a-cath* kompla jigi estiż għaċ-Ċentru tas-saħħa tar-Rabat, Bormla u B'Kara. Permezz ta' dan is-servizz, dawn il-pazjenti ma jkollhomx bżonn imorru l-isptar *Sir Anthony Mamo* sabiex jieħdu dan it-trattament.

**Tabella 5: Servizz ta' *Port-a-cath***

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| *Port-a-cath flushing* | 780 | 564 |

## *Electro Cardiogram Clinic* (ECG) Clinic

Is-servizz tal-ECG jingħata miċ-Ċentri kollha tas-saħħa. Dan huwa servizz b'appuntament fejn pazjenti jistgħu jiġu referuti mit-tobba taċ-Ċentri, tobba privati jew konsulenti miċ-Ċentri jew l-isptar Mater Dei.

**Tabella 6: ECG clinic**

| Servizz | 2018 | 2019 |
| --- | --- | --- |
| ECG Clinic | 4,138 | 3,795 |

### *Orthopaedic Outreach Clinics u Sports and Exercise Medicine Clinics*

Matul l-2019 baqaw jissaħħu diversi '*outpatient outreach clinics'* fiċ-ċentri tas-saħħa li barra li naqqsu d-domanda mill-isptar, ressqu dawn is-servizzi eqreb tal-klijent.

**Tabella 7: *Orthopaedic Outreach Clinics u Sports and Exercise Medicine Clinics***

| Servizz | 2018 | 2019 |
| --- | --- | --- |
| *Orthopaedic Outreach Clinics* | 5,557 | 3,813 |
| *Sports and Exercise Medicine Clinic* | 57 | 100 |

### Klinika tal-Ġinekoloġija

L-għan ewlieni ta' din il-klinika hu, li noffru servizz tas-saħħa professjonali għan-nisa fil-komunità li jkun aċċessibbli u effiċjenti.

**Tabella 8: *Klinika tal- Obstetrika u Ġinekoloġija***

| Servizz | 2018 | 2019 |
| --- | --- | --- |
| *Klinika tal-Obstetrika u Ġinekoloġija* | 8,683 | 10,597 |

### *Medical Imaging*

Il-Primary HealthCare investiet f'Diġital X-rays f'ħames ċentri tas-Saħħa li huma Furjana, Mosta, Raħal Ġdid, Qormi u Gzira. Dik taċ-Ċentru tal-Mosta tiftaħ erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.

**Tabella 9:** ***Medical Imaging Services (X-Rays)***

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| *Medical Imaging Services (X-Rays)* | 45,769 | 46,639 |

## Kliniċi tal-Oftalmoloġija

**Tabella 10:** ***Glaucoma Clinics,Optometry u Diabetic retinophaty screening.***

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| *Glaucoma* | 6,099 | 6,063 |
| *Oftalmoloġija (refraction)* | 7,974 | 8,158 |
| *Diabetic retinopathy screening* | 2,787 | 2,685 |

## Servizzi Podjatriċi

L-ammont ta' nies li ġew moqdija mill-Podjatrija żdied meta mqabbel mas-sena li għaddiet, dan minħabba li żdiedu l-kliniċi ta' wara nofs inhar, servizz aħjar għat-tfal, filwaqt li żdiedu kliniċi neurovaskulari u dawk ġewwa l-bereġ bħall taż-Żurrieq, Ħ'Attard, Tal-Pieta', iż-Żejtun u l-Mellieħa.

**Tabella 11: Klinika Podjatrika**

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Klinika Podjatrika | 92,558 | 106,727 |

## Kliniċi tal-Fiżjoterapija

Is-servizz tal-fiżjoterapija jingħata fiċ-Ċentri tas-Saħħa tal-Mosta, B'Kara, Qormi, Floriana, Raħal Ġdid u Bormla. Għas-sena 2020 hemm ħsieb li jiddaħħal dan is-servizz ukoll fiċ-Ċentru rinovat tal-Gżira. Beda ukoll servizz ta' fiżjoterapija ġewwa l-bereġ taż-Żejtun u l-Mellieħa.

**Tabella 12: Kliniċi tal-Fiżjoterapija**

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Kliniċi tal-Fiżjoterapija | 28,638 | 30,176 |

### *Occupational Health Unit (OHU)*

L-OHU ħadem biex iwettaq ix-xogħol tiegħu fl-aħjar livelli possibbli u għas-sodisfazzjon tal-klijenti, jigifieri għall-entitajiet Governattivi u dawk mhux Governattivi u Ministeri oħra.

Bħal fis-snin ta'qabel l-OHU wettaq eżamijiet mediċi fuq individwi qabel l-impjieg tagħhom, waqt l-impjieg u ta' apprentisti oħra, kif ukoll fuq individwi esposti għal riskji u perikli speċifiċi relatati max-xogħol partikolari tagħhom. Fl-istess waqt saru eżamijiet mediċi fuq studenti tal-mediċina, tad-dentistrija u tal-farmaċija qabel dawn jibdew l-istudji tagħhom (inkluż il-verifikazzjoni ta' tilqim u l-livell ta' immunita' flimkien ma' investigażżjonijiet tad-demm għall-mard infettiv), kif ukoll tal-istudenti tal-Fakulta tal-Istudji tas-Saħħa (podjatrija, infermiera, ecc).

**Tabella 13: *Occupational Health Unit***

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Viżta ta' qabel l-impjieg | 4,721 | 4,436 |

### National Health Screening Unit

#### *Screening* għall-kanċer tas-sider

Fl-2019, il-Programm Nazzjonali tal-iScreening tal-Kanċer tas-Sider kompla jespandi biex jinkludi n-nisa li għalqu 69 sena. B'hekk fl-2019, il-Programm inkluda l-faxxa ta' nisa ta'etajiet bejn il-50 u t-69 sena.

Matul is-sena 2019, is-servizz kompla jiffoka fuq kwalita' kif ukoll iħeġġeġ lin-nisa biex jilqgħu l-istedina u jieħdu sehem f'dan in-Programm. In-nisa li ma kienux attendew għall-iscreening fis-snin ta' qabel u li kien

imisshom jattendu fis-sena 2019, reġgħu ġew mistiedna biex jipparteċipaw. Il-parteċipazzjoni għas-sena 2019 żdiedet u laħqet 66%. Matul l-2019, 18,329 mara ġew mistiedna biex jipparteċipaw fil-Programm u ttieħdu ‘l fuq minn 12,163 mammogram. 692 mara reġgħu ġew imsejħa għal aktar investigazzjoni li minnhom 119-il mara kellhom bżonn biopsy. Sar investiment ta’ 60,000 Ewro biex tinxtara magna gdida tal-Ultrasound biex b’hekk is-servizz ta’ “Once Stop Shop” ghal meta mara jkollha bżonn iktar testijiet ikompli jitjieb. F’66 każ instab kanċer tas-sider. Mill-bidu tal-Programm tal-iScreening tas-Sider fl-2010, total ta' 576 persuna instabilhom kanċer tas-sider.

### Programm ta` *Screening* tal-Musrana

Matul l-2019, il-Programm ta’ Screening tal-Musrana kompla jistieden l-irġiel u n-nisa ta’ eta’ bejn il-56 u s-70 sena biex jipparteċipaw f’dan il-Programm, xi wħud jkunu qed jieħdu sehem għat tielet darba. Matul l-2019, in-numru ta' stediniet mibgħuta laħħaq total ta' 28,000. Minn total ta’ 14,763 test, 537 irriżultaw pożittiv. Saru 586 test tal-colonoscopy li minnhom 376 kellhom il-polipi mneħħija u kienu identifikati 24 każ ta’ kanċer tal-musrana l-kbira. Mill-bidu tal-Programm ta’ Screening tal-Musrana fl-2013, total ta' 163 persuna instabilhom kanċer tal-musrana.

### Programm ta’ *Screening* għall-Kanċer tal-Għonq tal-Utru

Il-Programm ta’ Screening tal-għonq tal-utru kompla matul is-sena 2019 bil-mira li jistieden in-nisa kollha ta’ bejn il-25 u l-39 sena fuq bażi ta’ tlett snin. Matul is-sena 2019, 14,153 mara kienu mistiedna biex jipparteċipaw. Minn dawn medja ta’ 35% aċċetaw l-istedina u 3,240 nisa attendew ghal appuntament fiċ-Ċentri tas-Saħħa kif ukoll fl-isptar ta’ Għawdex biex jittieħed l-iSmear Test. B’Kollox saru 3,137 smear test. Ittieħdu miżuri kemm permezz ta’ reminder letter, jew telfonati biex ifakkru n-nisa biex jiġu u jattendu għall appuntament. Kien hemm żieda ta’ 366 Smear Test fuq is-sena ta’ qabel. Din is-sena ċ-ċentru rega’ stidien in-nisa li pparteċipaw fis- snien 2015 u 2016 biex jergħu jagħmlu l-ismear test.

## IS-SERVIZZI TA` SPIŻERIJA FIL-KOMUNITA`

L-ispiżeriji tal-gvern tal-Furjana u dik ta’ Raħal Ġdid jipprovdu s-servizzi farmaċewtiċi fi ħdan il-Primary HealthCare. Dawn jipprovdu kemm servizz dirett lil-pazjenti Maltin u imigranti, kif ukoll dak indirett; billi jissuplixxu mediċini għal użu tal-kura tal-pazjenti li jżuru iċ-Ċentri tas-Saħħa.

**Tabella 14: Spiżeriji tal-Komunita`**

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Spiżeriji tal-Komunita` | 10,518 | 11,335 |

### SPEECH AND LANGUAGE PATHOLOGY

L-Speech and Language Pathology Clinic (SLP) Primary HealthCare. Is-servizzi huma mifruxa fil-komunità u huma pprovduti lil numru ta ' entitajiet differenti.

**Tabella 15:** ***Speech and Language Pathology Clinic***

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Speech and Language Pathology Clinic | 25,508 | 23,960 |

### KURA TAS-SAĦĦA TAT-TFAL U SERVIZZ NAZZJONALI TAT-TILQIM

**Tabella 16:** ***Kura tas-Saħħa tat-Tfal u Servizz tat-Tilqim***

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Servizz tas-saħħa fl-iskejjel | 30,294 | 28,482 |
| Well Baby Clinic | 7,942 | 8,341 |
| Scoliosis Clinic | 968 | 4,436 |
| Servizzi Nazzjonali tat-Tilqim | 51,193 | 55,386 |
| Vaċċinazzjonijiet ta' influwenza | 85,700 | 75,280 |

### KLINIĊI SPEĊJALIZZATI OĦRA

**Tabella 17:** ***Kliniċi Speċjalizzati oħra***

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Klinika tal-Kardjoloġija | 936 | 920 |
| Klinika tal-*Fibromyalgia* | 147 | 127 |

| | | |
|---|---|---|
| Klinika tad-Dietician | 829 | 1,529 |
| Klinika tan-Nutritionist | 1,101 | |

### *Interventi Minuri li saru fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta*

Qed isiru numru ta` operazzjonijiet fit-teatru għall-operazzjonijiet minuri fiċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta. Qed isiru wkoll operazzjonijiet minuri tal-ġinekoloġija bħal *colposcopies*. Interventi oħra jinkludu interventi minuri tal-ortopedija u l-oftalmoloġija, u interventi tad-dermatoloġija bħalma huma *skin tag removals.*

**Tabella 18: Interventi minuri fit-teatru tal-Mosta**

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Dermatoloġija *'skin tag removals'* | 476 | 740 |
| Operazjonjiet tal-ortopedija | 205 | 246 |
| Operazjonijiet minuri tal-kirurġija | 231 | 216 |
| Avastin injections fl-għajnejn | 475 | 749 |
| Operazzjonijiet minuri tal-ġinekoloġija | 43 | 49 |

### Iċ-Ċentru tas-Saħħa f'Għawdex

Iċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid ta' Għawdex sar jagħmel parti mill-Primary HealthCare matul is-sena 2019 filwaqt li qegħdin isiru l-ħtiġijiet kollha sabiex ir-riżorsi umani jitkattru f'dan iċ-ċentru sabiex jibda jaħdem fuq ergħa u għoxrin siegħa kuljum.

**Tabella 19: Attendenza fiċ-Ċentru tas-Saħħa f'Għawdex**

| Servizz | 2018 | 2019 |
|---|---|---|
| Servizz *ta`* tabib tal-familja | 43,028 | 42,077 |
| *Treatment Room* | 24,192 | 24,769 |
| Viżti fid-djar | 764 | 1,156 |

| | | |
|---|---|---|
| Barranin | 4,846 | 2,166 |
| Tilqim | 7,080 | 8,428 |
| Bereġ | 25,627 | 26,807 |

## PROGRAMM TA’ TAĦRIĠ SPEĊĊJALIZZAT FIL- MEDIĊINA TAL-FAMILJA

Il-Programm ta’ Taħriġ Speċjalizzat fil-Mediċina tal-Familja (STPFM) tnieda f’Lulju 2007.Dsatax-il trainee ġdid fl-ispeċjalita tal-Mediċina tal-Familja kienu rreġistrati u bdew it-taħriġ tagħhom f'Ottubru 2019. Wieħed u għoxrin trainee ta’ l-aħħar sena għamlu l-eżami ta’ tmiem it-taħriġ f’ Lulju. Tlettax minnhom għaddew waqt li t-tmienja l-oħra qegħdin jagħmlu perjodu addizzjonali ta’ taħriġ biex eventwalment ikunu jistgħu jagħmlu eżami riparatorju fis-sena 2020. It-total ta’ trainees huwa issa ta' tlieta u sittin.

Saru diskussjonijiet mad-dirigenti ta’ L-Isptar ta’ Ghawdex biex fl-2020 t-trainees jibdu jaghmlu perjodu ta’ taħriġ ġo dan l-isptar. Huwa mistenni li t-trainees jkunu jistgħu jitħarrġu wkoll fi-Ċentru tas-Saħħa ġdid f’Għawdex meta dan jitlesta.

Il-Portafoll elettroniku ġdid għall-STPFM, disponibbli permezz taċ-Ċentru ta' Taħriġ Mediku ta' Malta, bħalissa qiegħed jintuża mit-trainees ta’ l-ewwel u t-tieni sena. Matul is-sena 2019, sar il-programm ta' sezzjonijiet obbligatorji ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu (CPD) (mill-inqas darba fis-sena) għal dawk it-tobba li huma GP trainers u li bħalissa qed jħarrġu t-trainees.

## CUSTOMER CARE

Matul l-2019 din it-taqsima rċeviet 30 ilment (1 għanqas mis-sena ta’ qabel). Dawn ġew kollha investigati u nstab li 14-il każ (47%) minnhom kienu ġustifikati u ttieħdu azzjonijiet diversi dwarhom, 10 każi (33%) nstab li ma kienux ġġustifikati filwaqt li f’6 każi (20%) ma setgħux jiġu kklassifikati u għalhekk ingħata l-benefiċċju tad-dubju favur il-kwerelant.

## PRACTICE DEVELOPMENT UNIT

It-taħriġ kontiwu u t-taħriġ mill-ġdid tal-*Venepuncture* gie mgħoddi lill-infermiera kollha minn Jannar 2019. Kors ta' introduzzjoni ġie organiżżat għal rekluti ġodda ta' infermiera b'aktar minn ħames sezzjonijiet ta' filgħodu. Taħriġ sar ukoll fuq *Wound care management* u *Basic Life Support*.

## *Migrant Health Liaison Office*

Matul is-sena 2019 il-*Migrant Health Liaison Office* (MHLO) organiżża u pparteċipa f'numru ta' attivitajiet, taħriġ u laqgħat relatati mal-immigrazzjoni u s-saħħa u kien involut fil-*PROTECT Project* li għandu l-għan li jsaħħaħ u jisappportja l-immigranti. Il-Primary HealthCare kellha kontribut f'dan il-progett bħala parti ta' *co-funding*. Dan il-proġett ġie inawgurat fit-3 ta' Lulju 2019.

## Konklużjoni

Is-sena 2019 kienet sena oħra ta` suċċess kbir għall-Primary HealthCare. Matul din is-sena, is-servizzi pprovduti ġew imtejba u miżjuda sabiex ilaħħqu mal-ħtiġijiet tal-pazjenti. Saret enfasi speċjali fuq attivitajiet ta` prevenzjoni. Matul din is-sena, il-Primary HealthCare nvestiet fit-tisbiħ taċ-ċentri tas-saħħa u bereġ, fl-iżvilupp tar-riżorsi umani u f'xiri ta` apparat ġdid. Dan wassal sabiex matul is-sena, l-ħaddiema fi ħdan il-Primary HealthCare jilħqu l-miri u l-ħtiġijiet tal-partijiet kollha interessati, partikolarment tal-pubbliku inġenerali fil-lokalitajiet tagħhom.